QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILE

MAGISTRAT DR DENNIS MONTEBELLO B.A. LLD

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 19 TA' LULJU 2002

Avviz Nru:- 556/98 DM

E. Calleja & Sons Limited

Vs

Madis Hotels Ltd

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenuti sabiex ihallsu s-somma ta' hames mija u disa' liri u wiehed u sebghin centezmu (Lm509.71) dovuti bhala bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data tal-imsemmija kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta Madis Hotels Limited fejn eccepiet illi:

1 Preliminarjament, illi s-socjeta eccipjenti m'ghandha taghti xejn lis-socjeta attrici stante illi l-merkanzija in kwistjoni konsistenti f'electrical fittings ma kienetx pattwita u nharqet wara biss ftit zmien;

2 Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, illi l-prezz ta' bejgh tal-merkanzija in kwistjoni kien ta' Lm311.80 u mhux Lm509,71 kif mitlub fl-avviz;

3 Salve eccezzjonijiet ulterjuri u b'riserva ta' kull dritt ta' azzjoni ghad-danni kompetenti lis-socjeta eccipjenti kontra s-socjeta attrici.

Rat id-digriet tat-12 ta' Novembru 1999 fejn gie nominat bhala perit tekniku lil William Cassar Torregiani.

Rat id-digriet tat-3 ta' Marzu 2000 fejn il-perit William Cassar Torregiani gie sostitwit minn Peter Bonello bl-istess inkarigu.

Rat ir-relazzjoni tal-perit tekniku Peter Bonello pprezentat fid-19 ta' April 2002.

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Bl-eccezzjonijiet taghhom il-konvenuti m'humiex qieghdin jikkontestaw il-bejgh ta' l-electical fittings in kwistjoni izda biss il-fatt illi dawn il-fittings ma kienux ta' kwalita' pattwita u allura m'ghandhomx ikunu tenuti li jhallsu l-bilanc dovut mil-prezz taghhom

Dwar kemm hu l-bilanc dovut jidher illi l-partijiet qablu, infatti l-atturi irriducew it-talba taghhom mis-somma mitluba ta' Lm509.71 (hames mija u disa' liri Maltin u wiehed u sebghin centezmi) ghas-somma ta' Lm311.80

(tlett mija u hdax il-lira Maltin u tmenin centezmi) kif jippretendu l-konvenuti.

Billi l-eccezzjonijiet fil-mertu tal-konvenuti huma ta' natura teknika l-Qorti nnominat bhala espert tekniku lil Peter Bonello u fir-relazzjoni tieghu dan ikkonkluda illi l-allegazzjoni tal-konvenuti li l-oggetti ma kienux ta' kwalita' pattwita ma gietx sorretta mill- konstatazzjonijiet teknici illi huwa ghamel.

Ghaldaqstant, fil-waqt li din l-Qorti tadotta l-konkluzzjonijiet teknici li wasal ghalihom il-perit innominat, qieghda tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-istess konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma kif ridotta ta' Lm311.80 (tlett mija u hdax il-lira Maltin u tmenin centezmi) bl-imghaxijiet legali b'effett mill-1 ta' Frar 1997.

Dwar l-ispejjez billi l-atturi talbu somma in eccess f'ammont ta' kwazi (Lm200) mitejn lira Maltin iktar minn dak dovut lilhom u tenut kont ukoll illi l-konvenuti sostnew l-eccezzjonijiet taghhom dwar in-nuqqasijiet anke wara li l-atturi irriducew is-sorte, tordna illi l-ispejjez, hlief ghal dawk in konnessjoni mal-perizja, jithallsu in kwantu ghal terz (1/3) mill –atturi u zewg terzi (2/3) mill-konvenuti waqt li l-ispejjez kollha jirrigwardaw il-perizja jkunu a karigu tal-kumpanija konvenuta.

...................................................
Magt Dr. D. Montebello B.A. LLD

S. Farrugia
Dep / Reg
Civil 44